Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 627 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Josric Mifsud

Vs

Joseph Zammit

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Zammit detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 431378 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a) nhar it-8 ta' LuIju, 2012, ghal habta tal-17:20 hrs ta' wara nofsinhar, gewwa razzett li jinstab gewwa Triq il-Kbira, Naxxar, bil-hsieb li jikommetti serq bil-lok, valur, u mezz, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, ghad-detriment ta' Carmel Calleja liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

b) nhar it-8 ta' Lulju, 2012, u fil-granet ta' qabel, saq vettura tat-tip Opel Omega, bin-numru tar-registrazzjoni KBJ 257, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku,

jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmi vettura, u b' hekk ma kienx kopert b' polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21, u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap. 65 u tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Ukoll talli fl-istess lok, data, hin, cirkustanzi u granet qabel minghajr ma kellu licenza tas-sewqan mill-Pulizija jew mill-Aworita' Dwar it-Transport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq din il-vettura bla numru tar-registrazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 15 (1) (a) (3) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta;

d) Ukoll talli fl-istess lok, data, hin, u cirkustanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti Kriminali (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LLD nhar id-19 ta' Gunju, 2012, f' dan illi ma jwettaqx reat iehor waqt li kien taht 'bail' (liberta) kontra l-limitazzjonijiet impost f' dan id-digriet u dan bi ksur ta l-artikolu 579 (2) tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Ukoll talli fl-istess lok, data, hin, u cirkustanzi wara li kien gie ikkundannat f' Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instabu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew instabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta' kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f' dak iz-zmien;

f) talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 249 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

g) talli kkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza datata 26 ta' Gunju, 2012, liema sentenza hi definittiva.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija, l-imsemmi Joseph Zammit jhallas lil partijiet offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f' dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll il-Qorti giet mitbuba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta l-imsemmi Carmel Calleja, minn issa tappbika l-provvedimenti tal-Artikoli 412 C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti hija mitbuba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Joseph Zammit, u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif stipulat fl-artikolu 579 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Dicembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41, 49, 50, 261 (b) (c) (e), 263, 267, 269, 278 (3), 279, 280, 287 u 289 tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta tal-artikoli 15 (1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikoli 3 (1) (2) (c), (2A) tal-Kap.104 Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tal-hames u tas-sitt imputazzjoni, tilliberah mill-kumplament, u tikkundannah ghal erba' snin prigunerija u multa ta' sitt elef ewro.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tordna lill-hatja thallas lir-Registratur tal-Qorti l-ammont ta' €623.43 rapprezentanti spejjez peritali.

F' kaz ta' kwalunkwe nuqqas ta' hlas tal-multa jew tal-ispejjez peritali, dawn l-ammonti jkunu konvertibbli fi prigunerija.

Inoltre' tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn dik id-data li jkun skonta kwalunkwe sentenza ta' prigunerija mposta fuqu.

Fl-ahhar nett u biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Carmel Calleja, b' applikazzjoni ta' l-artikolu 412 C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Dicembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

i. tikkonfermaha in kwantu l-esponenti gie dikjarat mhux hati tar-raba' u s-seba` imputazzjonijiet; u
ii. tikkonfermaha in kwantu l-esponenti gie misjub hati a tenur tal-artikoli 17, 31, 41, 261 (c), 267, 279 (a), [ossia ta' tentattiv ta' serq aggravat bil-valur biss] tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
iii. tikkonfermaha in kwantu l-esponenti gie misjub hati a tenur tal-artikolu 15 (1) (a) (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta; u
iv. tikkonfermaha in kwantu l-esponenti gie misjub hati a tenur ta' l-artikolu 3 (1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta; u
v. thassarha in kwantu ghas-sejbien ta' htija a tenur ta' l-artikoli 49, 50, 261 (b) (e), 263, 269, 278 (3), 280, 287 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta [ossia ta' tentattiv ta' serq aggravat bil-mezz u bil-lok u li huwa recidiv]; u
vi. thassarha in kwantu ghas-sejbien ta' htija a tenur ta' l-artikolu 3 (2) (c) (2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta [ossia li huwa instab hati aktar minn darba ta' sewqan minghjar kopertura ta' assigurazzjoni ta' terzi]; u

vii. f' kull eventwalita` li tvarja l-piena ghal piena ohra aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

A. <u>Dwar it-tentattiv ta' serq aggravat bil-mezz</u>

Il-Kodici Kriminali permezz tal-artikoli 263, 264, 265 u 266 jaghti u johloq id-definizzjoni ta' meta u kif dana l-aggravju japplika fil-kazijiet ta' serq. Dawn id-definizzjonijiet ma humiex ta' natura indikattiva izda huma ta' natura *exhaustive* b' hekk illi jekk l-agir tal-halliel ma jaqax f' xi wahda minn dawn id-definizzjonijiet tal-aggravju tal-mezz, dak l-imputat ma jista` qatt jigi misjub hati ta' serq aggravat bil-mezz.

Fil-kaz odjern, ma hemm l-ebda prova in atti dwar il-fatt li l-esponenti ghamel xi skalata, jew li uza xi mfietah foloz, jew li ottjena mfietah tajba b' xi mezz gharrieq. Anzi l-oppost, jekk wiehed jara r-relazzjoni ta' PS 239 folios 104 u 105 tal-atti processwali, ser jinstab ritratt b' cavetta gewwa fih, fejn l-istess *caption* tghid "Cavetta tajba li thalliet fis-serratura". Dan b' referenza ghal fatt li din ic-cavetta tajba thalliet fis-serratura mis-sur Calleja ossia sid ir-razett.

Analizi tad-deposizzjoni ta' Calleja, min imkien ma jemergi li din ic-cavetta, ittiehdetlu b' xi mod gharrieq mill-esponenti. B' hekk a bazi tal-principju *in dubbio pro reo*, qieghed jigi argumentat li tali cavetta hemm thalliet mill-istess Calleja.

Analizi ulterjuri tad-deposizzjoni ta' Calleja, min imkien ma' turi kif ix-xatba kienet thalliet minnu, ossia jekk kieneitx maghluqa b' xi katnazz jew xort' ohra li wara safa miksur jew xort' ohra u lanqas ma hemm xi prova li l-esponenti ghamel xi skalata sabiex dahal fil-fond odjern.

B' hekk tenut kont li l-assunzjoni ma hijiex prova u li s-suspett ma jista` qatt jirrinpjazza l-provi, a bazi tal-principju *quod non est in acti non est in mundo*, l-esponenti ma setax jinstab hati ta' serq aggravat bil-mezz. Kwindi, u konsegwenzjali ghal dan il-fattur, l-artikoli utilizzati ai fini ta' piena f' dan ir-rigward ma kienux applikabbli.

B. Dwar it-tentattiv ta' serq aggravat bil-lok

Il-Kodici Kriminali permezz tal-artikolu 269 johloq lista *exhaustive* u mhux indikattiva dwar liema huma dawk il-positijiet li meta s-serq jsir minn go fihom japplika dan l-aggravju. Meta wiehed jqis li r-razett ta' Calleja, jinstab fi Triq il-Kbira, Naxxar jemergi li dan ir-razett ma jinkwadrax ruhu fl-ebda wahda mil-postijiet elenkati f' dan l-artikolu.

B' hekk l-esponenti ma setax jinstab hati ta' serq aggravat bil-lok. Kwindi, u konsegwenzjali ghal dan il-fattur, l-artikoli utilizzati ai fini ta' piena f' dan ir-rigward ma kienux applikabbli.

C. Dwar il-hames imputazzjoni ossia z-zamma ta' ghodod uzati ghas-serq

Sabiex ikun hemm sejbien ta' htija ta' persuna in konnessjoni ma' l-imputazzjoni moghtija a tenur ta' l-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali, jehtieg li qabel xejn, jigi ppruvat li dik il-persuna, fil-kaz odjen l-esponenti, gie effettivament misjub hati ta' serq mil-Qrati ta' gurisdizzjoni penali f' Malta u dana b' mod *res judicata*.

Huwa biss ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li jista` jikkonferma jekk sentenza hijiex *res judicata* jew le. A bazi tal-fatt li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li ggib il-quddiem mhux biss il-provi, izda li trid iggib il-quddiem il-ahjar prova, fin-nuqqas tar-Registratur tal-Qrati, ma jista` qatt tali vojt jigi mimli bl-esistenza in atti tal-fedina penali, li bhal ma intwera f' dan il-proceduri, tali dokument ma huwiex attendibbli.

Analizi tal-atti processwali, turi li tali prova ma ngabitx. B' hekk l-esponenti qatt ma seta` jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

D. <u>Dwar il-piena:</u>

*F.1. Dwar l-addebitu tar-recidiva [49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali], u s-sejbien ta' htija precedenti fuq vjolazzjoni ta' tenur l-Kap. 104*

L-argumentazzjoni migjuba l-quddiem fit-tielet aggravju, tapplika ukoll fis-shih f' dan ir-rigward. Minghajr il-prova shiha u legalment tajba l-esponenti ma seta` qatt jinstab hati li huwa kien recidiv u/jew li huwa kelu varji kundanni precedenti a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jidher li x' aktarx l-Ewwel Onorabbli Qorti, accettat *a bocca baciata* dak kontenut fil-fedina penali bhala vangelu, b' hekk illi l-kalibrazzjoni tal-piena, meta hija giet u sabet lill-esponenti hati, giet ikkalibrata fuq il-linja tal-hsieb li l-esponenti kien plurimu recidiv. Filwaqt li tali linja ta' hsieb adoperata mil-Ewwel Qorti mil-lat populista ma tistax titqies bhala linja ta' hsieb hazina, da parti l-ohra, mil-lat legali, mil-lat tal-procedura penali, mil-lat ta' gustizzja naturali, fejn huwa rikjest *sine qua non* li sabiex persuna tigi dikjarata hatja trid tigi hekk dikjarata hatja skond il-ligi, l-impozizzjoni tal-piena fuq l-esponenti bhala persuna recidiva u li kellu varji kundanni

ta' sewqan minghajr koperta ta' assigurazzjoni, bir-rispett ma setghetx isehh.

B' hekk gara illi, l-piena mposta fuq l-esponenti kienet wahda li hija, bir-rispett, legalment zbaljata.

*F.2. Dwar l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan*

L-Ewwel Onorabbli Qorti, fl-ordni taghha ta' htija, skwalifikat lill-esponenti "milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn dik id-data li jkun skonta kwalunkwe sentenza ta' prigunerija mposta fuqu" [enfasi tal-esponenti].

Bir-rispett tali ordni hija *ultra vires* dak li jiddisponi l-artikolu 3 (2A) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Artikolu dan ta' l-ahhar li jishaqq dwar minn meta ghandu jibda jiddekorri z-zmien tal-iskwalifika. B' hekk galadarba ligi tishaqq dwar kif u meta ghandha tiddekorri tali skwalifika, Qorti qatt ma tista` taghmel ordni bhal dak odjern stante li ma ghandhiex tali setgha fiha vestita li tikser tali dispozizzjoni tal-ligi.

*F.3 Dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 337 tal-Kap 9*

Fl-impozizzjoni tal-piena, jidher li l-Ewwel Qorti naqset milli tapplika l-artikolu 337 tal-Kodici Kriminali, ossia, li r-*res furtiva*, qabel il-bidu tal-proceduri giet ritornata lura lil sidha. B' hekk it-tnaqqis tal-piena li l-esponenti kien intitolat ghalieh *ex lege*, ma giex moghti lilu.

*F.4. Dwar il-komputazzjoni tal-piena bl-applikazzjoni tal-artikolu 17*

Bir-rispett, bhala ma sejjer jigi muri matul it-trattazzjoni ta' dana l-appell, il-komputazzjoni tal-piena hekk kif maghmula mil-Ewwel Onorabbli Qorti, ma kienitx tajba, fis-sens illi bil-kalkolu kif sar mil-

Qorti tal-Magistrati, giet imposta piena ghola minn dik permessa bil-ligi.

*F.5. In generali dwar il-piena*

Minghajr pregudizzju ghall-aggravji kollha precedenti, l-esponenti jissottometti umilment li l-piena nflitta hija wahda oneruza wisq meta mqabbla mal-fatti specje tal-kaz odjern, u b' hekk jitlob temperament fil-piena sabiex b' hekk il-piena tkun wahda aktar ekwa u gusta mal-kaz odjern.

Ikkonsidrat;

Illi l-ilment li iqanqal l-appellanti fil-konfront tad-decizjoni appellata hija wahda indirizzata lejn l-aggravvanti marbuta mar-reat tat-tentattiv ta' serq ghal liema reat huwa gie misjub hati. Jishaq illi ma kienx hemm provi fl-atti li setghu ighabbu ir-reat bl-aggravanti tal-mezz u lok, kif ukoll ma setghetx tinstab htija ghal dak mahsub fl-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali.

Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti meta giet biex tindika id-disposizzjonijiet tal-ligi li tahthom kienet qed issib il-htija, u senjatament meta tindika dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li jikkontemplaw l-aggravanti tal-mezz u il-lok ghar-reat tas-serq, ma tindikax liema mis-sub-incizi u cioe' mic-cirkostanzi kontemplati fil-ligi jirrizultaw fil-kaz in dizamina biex b'hekk din il-Qorti trid tidhol biex tara jekk xi wahda jew aktar minn dawn ic-cirkostanzi avverawx rwiehom mill-fattispecje ta' dan il-kaz. Issa ic-cirkostanzi fejn il-ligi tqies illi s-serq ghandu igorr mieghu l-aggravanti tal-mezz huma hekk imfissra:
***(a) meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata;***
***(b) meta l-ħalliel jiżbogħ wiċċu, jew jilbes maskra jew għata oħra tal-wiċċ, jew jagħmel xi tibdil ieħor fl-ilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jagħmel is-serq, jieħu t-titolu jew il-libsa ta' uffiċjal ċivili jew militari, jew jippretendi li għandu ordni maħruġ minn awtorità***

***pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezzi qarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex igħinu s-serq, jew biex ma jikxfux il-ħalliel.***

Issa mill-atti probatorji jirrizulta illi l-kancell ta' barra tar-razzett tal-post tad-delitt kien imsakkar b'katnazz. Dan johrog mix-xhieda tal-vittma Carmel Calleja meta fix-xhieda tieghu huwa ighid:

***"Jiena mort biex nidhol. Kif mort biex niftah il-katnazz, nara l-generator niezel minn fuq rasi."***

Dan ifisser illi l-appellanti li *ex admissis* jirrizulta illi kien fil-fond, certament ma effetwa l-ebda sgass sabiex acceda ghal dan ir-razzett tant illi anke l-oggett li kien ser jisraq u cioe' l-*generator*, waddbu minn gewwa ghal barra t-triq billi tefghu minn fuq il-hajt ghal barra. Di piu' jidher illi l-bieb tal-kamra minn fejn kienu ser jingarru l-oggetti, kellha ic-cavetta fis-serattura u kwindi kien hemm access ghaliha permezz ta' din ic-cavetta, ghalkemm meta wasslu l-pulizija fuq il-post dan il-bieb jidher li kien miftuh berah. Dan kollu ifisser allura illi ma hemmx prova fl-atti dwar il-mod kif l-appellanti seta' kiseb access ghal dan il-fond u cioe' ghal post tad-delitt. X'aktarx illi huwa skala l-hajt u qabez ghal gol-bitha tar-razett fejn instab il-karkur tieghu, izda din hija kongettura u supposizzjoni billi jidher illi l-pulizija naqqsu milli jinvestigaw dan il-fatt u il-Prosekuzzjoni ghalhekk ma ressqet l-ebda prova fir-rigward. Anke meta l-appellanti fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija jammetti li dahal fil-fond, huwa ma jispjegax kif ghamel biex kiseb access ghall-istess u l-Ufficjal Investigattiv lanqas jinterrogah dwar dan il-fatt. Kwindi il-Qorti tqies illi l-appellanti ghandu ragun f'dan l-aggravvju minnu intentat billi ma hemmx l-icken prova in atti li b'xi mod tista' tindika l-modalita ta' kif l-appellanti kiseb access ghal post tad-delitt u jekk jikkonkorrux xi wiehed jew aktar mic-cirkostanzi indikati fl-artikoli 264 sa 266 tal-Kodici Kriminali u allura l-aggravvanti tal-mezz ma jistax jinghad li gie ippruvat.

Illi anke fir-rigward tal-aggravvanti tal-lok l-appellanti ghandu ragun. Illi s-serq huwa aggravat bil-lok meta isehh fis-sewgenti postijiet:

***"(a) f'lok pubbliku li qiegħed għall-qima t'Alla;***
***(b) fl-awli li fihom il-qorti toqgħod u waqt is-seduta tal-qorti;***
***(ċ) fi triq pubblika fil-kampanja, 'il barra mill-abitat;***
***(d) f'maħżen jew f'tarznar tal-Gvern, jew f'lok ieħor ta' depożitu jew ta' rahan li qiegħed għall-kumdità tal-pubbliku;***
***(e) fuq bastiment jew biċċa oħra ta' fuq il-baħar li jkunu rmiġġati;***
***(f) fil-ħabs jew f'lok ieħor ta' kustodja jew ta' piena;***
***(g) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha"***

Illi s-serq mertu tal-kaz sehh minn gewwa razzett fin-Naxxar li madanakollu ma jidhirx li huwa xi dar ta' abitazzjoni jew inkella li jaghmel parti minn xi residenza. Fil-fatt ghalkemm Calleja ighid illi huwa proprjetarju ta' dan ir-razzett u xi ghalqa li taghmel mieghu, madanakollu ma jindikax l-uzu li jaghmel minn din il-proprjeta'. Kwindi b'dawn ir-rizultanzi processwali ma jistax jinghad illi l-aggravanti mahsub fis-sub-inciz (g) jirrizulta ippruvat. Illi imbaghad hemm ukoll dubbju jekk il-post fejn sehh id-delitt mertu tal-kaz fil-fatt kienx triq pubblika fil-kampanja 'il barra mill-abitat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm Calleja isemmi li ghandu dan ir-razzett u ghalqa, madanakollu jindika ukoll li hemm xi dar ta'l-abitazzjoni biswit il-proprjeta tieghu. Ukoll mir-rapport imhejji mil-ufficjali tax-xena tad-delitt u cioe' PS239 Joseph Caruana u PS198 Arthur Debattista u senjatament mir-ritratti minnhom mehuda tax-xena tar-reat, ma jidhirx illi il-lokalita tista' titqies bhala triq pubblika fil-kampanja 'il boghod mill-abitat billi t-triq tidher illi hija triq wiesgha u traffikuza minn fejn sahansitra tidher xarabank ghaddejja u jidher bini iehor fil-vicinanzi. Kwindi dawn l-fatti lanqas jistghu jinkwadraw rwiehom f'dan l-aggravanti. Ghaldaqstant anke hawnhekk l-lanjanza ventilata mill-appellanti tirnexxi u kwindi r-reat li tieghu huwa gie misjub hati u cioe' it-tentattiv tas-serq ma jistax jkun mghobbi bl-aggravvanti tal-lok u tal-mezz billi provi f'dan ir-rigward huma mankanti u ghalhekk ser ikun hemm temperament fil-piena sabiex jirrifletti dawn ir-risultanzi processwali.

Issa l-aggravvji l-ohra li isewgu huma kollha marbuta man-nuqqas tal-Prosekuzzjoni milli tressaq provi sodisfacenti fir-rigward tal-kundanni precedenti ta'l-appellanti ghar-reat tas-serq u dan sabiex b'hekk jikkonfigura r-reat ikontemplat fl-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali u ukoll l-addebitu tar-recidiva b'mod specjali dak li jitkellem dwaru l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali. L-appellanti jishaq illi ma huwiex bizzejjed li tigi esebieta l-fedina penali ta'l-appellanti biex taghmel prova dwar il-kundanni precedenti tieghu, kif lanqas ma hu bizzejjed fil-fehma tieghu li jigu esebieti sentenzi tal-Qorti marbuta ma' dawn il-kundanni minghajr ma issir il-prova li dik is-sentenza ghaddiet in gudikat, u li ghalhekk m'hijiex soggetta ghal appell – prova li trid issir permezz tar-Registratur tal-Qorti.

Issa ibda biex r-reat ikkontemplat fl-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali igorr mieghu tlett elementi essenzjali u cioe':

1. irid ikun hemm kundanna precedenti minn qorti ghar-reat tas-serq.
2. jirrizulta l-pussess ta' frottijiet ecc. minghajr ma tinghata kont tal-provenjenza legittima taghhom **<u>jew</u>**;
3. jirrizulta l-pusess ta' ghodod tajbin sabiex isir sgass ecc., minghajr ma tinghata kont sodisfacenti ghal liema skop legittima dawn jinstabu f'tali pussess.

Illi f'dan il-kaz l-appellanti ma huwiex qieghed jikkontesta il-fatt illi instabu l-ghodod fil-pussess tieghu li jistghu jintuzaw biex jigi kommess is-serq, izda jishaq illi l-element l-iehor mehtieg fil-ligi sabiex jissussisti r-reat ma giex sodisfatt mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex il-fedina penali wahedha ma tista' qatt tikkostitwixxi tali prova. Illi din il-Qorti mal-ewwel tqies illi l-appellanti ghandu ragun. Illi ghalkemm fl-atti il-fedina penali ta'l-appellanti giet esebieta tlett darbiet, madanakollu ma hemmx sentenza wahda esebieta in atti li titkellem dwar kundanna ghar-reat tas-serq fil-konfront ta'l-appellanti. Fil-fatt hemm zewg sentenzi esebieti, wahda moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta' Gunju 2012 li titkellem dwar r-reat tal-ksur ta' digriet tal-helsien mill-arrest u sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti datata 5 ta' Frar 2013 fuq akkuzi simili abbinati ma' ksur tal-ligi dwar it-

traffiku u cioe' sewqan ta' vettura minghajr licenzja u polza ta'l-assikurazjoni. Illi bir-rispett kollu lejn il-Prosekuzzjoni, meta reat jigi addebitat lill-persuna akkuzata huwa l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tigi stabbilita ir-reita'. F'dan il-kaz, meta si tratta tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali fejn wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat huwa il-prova tal-kundanna precedenti ghar-reat tas-serq, il-fedina penali tal-persuna akkuzata, bl-imperfezzjonijiet li kultant ikun fiha ma tista' qatt tikkostitwixxi l-ahjar prova. Tant hija importanti din il-prova illi gie deciz illi tali sentenza li tikkostitwixxi fatt ippruvat ghar-reat taht l-artikolu 287 lanqas ma tista' tintuza imbaghad bhala prova in konnessjoni mal-addebitu tar-recidiva.

**"Gjaldarba l-fatt li persuna tkun instabet precedentement hatja hu ingredjent essenzjali tar-reat, l-istess fatt ma jistax jintuza ghal finijiet ta' zieda fil-piena minhabba r-recidiva. ... Dan naturalment ma ifissirx illi l-piena ghar-reati ikkontemplati fl-artikolu 286 u 287 ma jistghux jizdiedu minhabba r-recidiva. Ifisser biss li l-istess fatt li hu element kostituttiv tar-reat ma jistax iservi ghall-finijiet ta' recidiva.[1]"**

Dan ifisser allura illi l-ewwel u qabel kollox sabiex jigi ippruvat wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 287 u cioe' l-kundanna precedenti ghar-reat tas-serq trid issir l-prova mill-Prosekuzzjoni ta' tali kundanna u dan permezz ta' sentenza tal-Qorti li ghaddiet in gudikat. Din l-istess prova u cioe' dan l-istess fatt ma jistax imbaghad jintuza ukoll ai fini tal-addebitu tar-recidiva. Illi allura stante illi din il-prova essenzjali sabiex jissussiti r-reat taht l-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali hija nieqsa, l-appellanti ma seta' qatt jinstab hati tal-kummissjoni ta'l-istess.

Issa imbaghad dwar l-addebitu tar-recidiva, jirrizulta illi fil-fatt fl-atti hemm esebieti zewg sentenzi dwar kundanni precedenti kontra l-appellanti li madanakollu kif inghad ma jitkellmux dwar serq. Dan ifisser bl-istess mod

[1] Il-Pulizija vs Amadeo Brincat et Appell kriminali 06/06/1994 u l-Maesta tieghu r-Re vs Karmenu Ellul 24/06/1941

illi l-appellanti qatt ma seta' jigi addebitat bir-recidiva a tenur ta'l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali. Fir-rigward tal-addebitu, kif ikkontemplat fl-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, l-appellanti jishaq illi bil-fatt illi l-Prosekuzzjoni tezebixxi sentenza tal-Qorti fejn l-Ufficjal Prosekutur f'dik l-istanza, jingieb bhala xhud biex jikkonferma l-identita tal-persuna akkuzata, ma hijiex prova sodisfacenti skont il-ligi billi trid issir il-prova tramite ir-Registratur tal-Qorti illi dik is-sentenza ghaddiet in gudikat u li ma hemmx xi appell pendenti fuqha u dan ovvjament meta si tratta ta' sentenza deciza in prim'istanza.

***"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.[2]"***

Illi allura bil-fatt li tigi esebieta is-sentenza tal-Qorti u issir il-prova ta'l-identita' ir-recidivita' tal-persuna akkuzata hija ippruvata. Ma hux necessarju kif jikkontendi l-appellanti illi issir il-prova li tali sentenza hija finali, iktar u iktar meta l-persuna akkuzata stess ma tkunx qanqlet din id-difiza in prim'istanza u thalli kollox ghaddej qisu mhu xejn biex imbaghad tasal issa fi stadju ta' appell u tressaq lanjanza f'dan ir-rigward. Illi meta l-Prosekuzzjoni tressaq il-provi taghha, spetta lid-difiza imbaghad biex tattakka dik il-prova permezz jew ta' provi ohra jew anke bil-kontro-ezami tax-xhud. Ma jidhirx illi l-appellanti wara li gew esebieti s-sentenzi u anke xehed kemm l-Ufficjal Prosekutur kif ukoll l-Prosekutur ta' dawk il-kazijiet ghamel il-mistoqsijiet in kontro-ezami li fil-fehma tieghu setghu ixejjnu il-

[2] Il-Pulizija vs Paul Abela deciza App.Krim 10/09/2004

prova maghmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta' sentenza ufficjali tal-Qorti. Illi di piu' ghalkemm il-fedina penali wahedha kif inghad ma tistax tikkostitwixxi prova sodisfacenti, madanakollu l-Qorti tista' taghmel il-verfiki necessarji meta tigi esebieta sentenza tal-Qorti illi din hija wahda finali billi tara jekk l-istess tinsabx riflessa fil-fedina penali aggornata ta'l-persuna akkuzata li f'dan il-kaz il-Qorti kellha il-prvilegg li ikollha sahansitra tlieta minnhom bl-ahhar wahda aggornata esebieta ftit qabel ma'l-Ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza. F'dan il-kaz din il-Oqrti rat li z-zewg sentenzi esebieti li jissodisfaw l-elementi kollha dwar l-identita ta'l-appellanti huma riflessi fil-fedina penali aggornata ta'l-appellanti minn fejn johrog illi ma kienx hemm appell fir-rigward. Kwindi l-appellanti ma ghandux ragun f'dan l-aggravvju u il-prova maghmula mill-Prosekuzzjoni permezz tas-sentenzi esebieti bil-konnotati jaqqblu ma' dawk ta'l-appellanti u bil-kundanni riflessi fil-fedina penali tikkostitwixxi prova shiha u sodsfacenti skont il-ligi.

Dwar l-applikazzjoni ta'l-artikolu 337 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti minghajr tlaqliq tqies illi dan l-aggravvju hwua fieragh billi l-appellanti gie misjub hati tat-tentattiv tas-serq u mhux tar-reat ikkunsmat u allura l-ebda *res furtiva* ma ittiehed 'il barra mill-isfera tal-pussess tal-vittma u ma kien hemm l-ebda *res furtiva* li setghet giet irritornata. Dan ghaliex ukoll il-ligi meta titkellem fuq it-tentattiv tar-reat diga tikkontempla it-tnaqqis fil-piena ghaliex ir-reat ma ikunx gie ikkunsmat.

Illi l-appellanti iressaq lanjanza ohra diretta lejn l-ordni maghmula mill-Ewwel Qorti illi s-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghandha tibda topera mill-jum meta huwa jkun skonta l-piena karcerarja inflitta fuqu. Jishaq illi l-ligi ma taghmel l-ebda riserva f'dan is-sens u kwindi tali ordni hija *ultra vires*.

Illi l-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi s-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghandu jibda jopera ghal zmien tnax-il

xahar mid-data meta l-persuna tkun giet misjuba hatja. Jinsab dispost hekk:

**"Kull min jinstab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu għandu ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika) jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati:**

**Iżda jekk l-esekuzzjoni tas-sentenza li biha wieħed jinstab ħati titwaqqaf wara li min ikun instab ħati jiddikjara li bi ħsiebu jappella minn dik is-sentenza, iż-żmien ta' skwalifika jibda għaddej -**

**(a) jekk din tiġi konfermata jew imnaqqsa b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, mid-data ta' din id-deċiżjoni."**

Illi allura l-appellanti ghandu ragun fl-ilment minnu imressaq u it-terminu ghas-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghandu jibda jidekorri mil-jum tad-decizjoni tal-Qorti.

Illi finalment dwar l-applikazzjoni ta'l-artikolu 17 u il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghar-reati addebitati lill-appellanti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula f'din id-decizjoni dwar l-aggravvji intentati mill-appellanti fejn allura huwa ser jigi illiberat mill-aggravanti tal-mezz u lok ghall-ewwel imputazzjoni u ser jigi illiberat ukoll mill-hames imputazzjoni allura ser jkun hemm temperament fil-piena biex jigi rifless dan u kwindi ma hemmx lok li dawn l-aggravvji jigu investiti mill-Qorti. Jinghad biss illi fir-rigward tal-multa ta' €6000 inflitta fuq l-appellanti, din mhijiex il-piena ikkontemplata fil-ligi ghar-reat mahsub fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65. Illi kif inghad hemm prova fl-atti illi din kienet it-tieni kundanna tal-appellanti ghar-reati mahsuba f'dawn il-ligijiet. Illi l-artikolu 15 jikkontempla il-piena tal-multa ta' mhux iktar minn €232.94 jew tal-prigunerija ta' mhux iktar minn tlett xhur filwaqt li l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 fil-kaz tat-tieni kundanna jikkontempla multa ta' bejn €4658.75 u €5823.43 jew prigunerija

ghal mhux izjed minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien. Illi imbaghad bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 17(b) u/jew (f) tal-Kodici Kriminali ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-iktar gravi b'zieda ta' terz sa nofs il-piena ghar-reat jew reati l-ohra. Dan ifisser allura illi l-multa ta' €6000 kienet certament wahda eccessiva u ser ikun hemm ukoll temperament biex jirrifletti dak dispost fil-ligifejn din il-Qorti ser timponi l-piena karcerarja flok dik tal-multa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell in parte, tghaddi ghalhekk biex tikkonferma d-decizjoni appellata fejn l-appellanti gie illiberat mir-raba u is-seba imputazzjoni u fejn gie misjub hati tal-ewwel imputazzjoni addebitat biss bl-aggravvju tal-valur, tat-tieni u it-tielet imputazzjonijiet u is-sitt imputazzjoni bl-addebitu tar-recidiva biss a tenur ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, tghaddi ghalhekk biex tirrevokaha fejn instabet htija ghall-aggravanti tal-mezz u tal-lok fl-ewwel imputazzjoni billi issib illi dawn l-aggravvanti ma gewx ippruvati u konsegwentement issib htija biss ghar-reat tat-tentattiv tas-serq aggravat biss bil-valur; tirrevokaha ukoll fejn instabet htija ghal hames imputazzjoni u konsegwentment tilliberah minnha; kif ukoll tqies illi l-addebitu tar-recidiva a tenur ta'l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali ma jirrizultax ippruvat. Tghaddi ghalhekk biex tirriforma l-piena inflitta billi minflok dik ta' erba snin prigunerija u multa ta' sitt elef ewro, tikkundannah ghal piena komplessiva ta' tmintax-il xahar prigunerija, bl-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena tibda tiddekorri mil-lum. Il-Qorti finalment tikkonferma il-kundanna ghal hlas ta'l-ispejjez peritali a tenur ta'l-artikolu 533 tal-Kap.9 fl-ammont ta' €623.43 kif ukoll tikkonferma l-Ordni ta' Protezzjoni mahsuba ghas-sigurta ta' Carmel Calleja ghal zmien tlett snin mil-lum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur